MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 95/7

Il-Ħamis 18 ta' Jannar 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier
Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

95.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

95.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (94/7 [20/12/17]);

95.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

95.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

95.5 Rapporti;

95.6 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2017

95.7 Approvazzjoni tal-baġit u estimi finanzjarji għas-sena 2018

95.8 Approvazzjoni tal-programm ta' ħidma għas-snin 2018-2020

95.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

95.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

----------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.07pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**95.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

95.1.1 Ma kienx hemm apoloġiji.

**95.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (94/7 [20/12/17])**

95.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija b'mod unanimu.

95.2.2 Korrezzjoni. F'paġna 4 l-isem indikat għandu jkun Karl Borg.

Paragrafu li tniżżel 93.5.3 għandu jiġi emendat u jitniżżel bħala 94.5.3.

95.2.3 Wara dawn l-emendi, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku l-minuti ġew approvati nem con.

**95.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

95.3.1 Sistema ta' CCTV ġewwa l-Gudja. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi meta ltaqa' mal-Kummissarju tal-Pulizija is-Sur Lawrence Cutajar, huwa ġie infurmat illi l-Pulizija lesta li tgħin il-Kunsill dwar CCTV u moniteraġġ sabiex ikun hawn aktar sigurtà, osservanza tal-liġi u li jonqos il-vandaliżmu ġewwa l-Gudja.

Is-Sindku qal li fi żmien qasir sejjer ikollu laqgħat ma' esperti tal-Pulizija dwar dan is-suġġett u li wara huwa kien sejjer jinforma lill-Kunsill dwar il-progress ta' dan il-proġett.

95.3.2 Ħajt imġarraf u perikoluż mal-ġenb tal-ġibjun miftuħ f'Dawret il-Gudja. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol issa huwa lest.

95.3.3 Siġar tal-fikus madwar il-Gudja. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qed jirċievi ħafna ilment dwar dawn is-siġar li qed jagħmlu ħafna ħsara u huwa indika bħala eżempju partikulari dawk is-siġar tal-fikus fil-pjazzetta tal-Qalb ta' Ġesù.

Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-ELC sabiex tieħu l-passi meħtieġa speċjalment dwar iż-żewġ siġriet tal-fikus li hemm fil-pjazzetta tal-Qalb ta' Ġesù li qed jagħmlu ħsara kbira u jkunu ta' inkonvenjent u għalhekk għandhom jitneħħew u flokhom titħawwel xi awrekarja jew xi siġra oħra indiġena.

Is-siġar tal-fikus li hemm madwar il-Gudja għandhom jitneħħew mill-ELC b'mod sistematiku u flokhom jitħawlu siġar indiġeni li la jagħmlu ħsara u lanqas joħolqu xi inkonvenjent.

95.3.4 Tender dwar l-ingaġġ ta' Perit mal-Kunsill. Is-Sindku informa lill-Kunsill li din it-tender se tagħlaq fis-06 ta' Frar 2018 u tinfetaħ dakinhar stess fl-10.00am. bis-sistema online. Is-Sindku qal li wara għandu jkun hemm bord ta' għażla magħmul minn perit, avukat, accountant u ċermen (hekk skont proċeduri stabbiliti).

95.3.5 Imejl mill-Għaqda Mużikali Marija Assunta dwar bdil fid-data tal-festa tal-Madonna taċ-Ċintura.

Is-Sindku ddikjara li huwa president onorarju tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta. Il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi ma hemmx konflitt ta' interess u għalhekk seta' jkompli jmexxi l-laqgħa.

Il-Kunsill għamel referenza għal dak li kiteb is-Segretarju tal-Għaqda dwar il-bdil fid-data tal-festa li ma titardjax iżjed mill-14 ta' Lulju.

Saret diskussjoni.

Il-Kunsill qabel li għandu jwieġeb li din il-materja ma taqax taħt xi deċiżjoni diretta tal-Kunsill għax tali festa hi waħda reliġjuża u għalhekk hi l-Kurja Arċiveskovili li tiddeċiedi dwar jekk tinbidilx id-data jew le.

Ġie maqbul ukoll b'mod unanimu li ġa la darba l-Għaqda jew aħjar il-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura tippreżenta rikors lill-Kurja għal data ulterjuri u din it-talba tiġi milqugħa, il-Kunsill ma jsibx diffikultà li din il-festa ssir kif mitlub u dan bil-ftehim li din id-data ma tkunx qiegħda ttellef l-

attivitajiet ta' Jum il-Gudja li jkunu qed isiru fil-15 ta' Lulju u fil-ġranet ta' qabel.

**95.3.6** Talba mill-Għaqda Mużikali Marija Assunta għal spazju għal statwa tal-Madonna taċ-Ċintura fi Ġnien R. Caruana. Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar it-talba sabiex fl-okkażjoni tal-125 anniversarju mill-wasla tal-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura ġewwa l-Gudja, il-Kunsill jagħti spazju fi Ġnien R. Caruana sabiex bħala għaqda tinawgura statwa ddedikata lill-Madonna taċ-Ċintura sabiex tkun tista' tiġi meqjuma mir-residenti kollha tal-Gudja.

Saret diskussjoni.

Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Segretarju tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta li Ġnien R. Caruana qatt ma ġie devolut għand il-Kunsill Lokali tal-Gudja u għalhekk il-permessi jridu jinkisbu mill-awtoritajiet kompetenti fosthom id-Dipartiment tal-Artijiet. Jekk u meta jkun hemm tali permessi, il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni, u dan sakemm din l-opportunità tingħata lill-Għaqdiet kollha li hawn fil-Gudja u sakemm il-Kunsill jiġi infurmat minn qabel bid-diżinn ta' dan il-monument filwaqt li jirriserva d-dritt li jagħti l-veduti tiegħu wara li jara dan id-diżinn u kull manutenzjoni tal-istess monument tkun responsabilità sħiħa ta' min ikun għamel u kkummissjona l-istess monument.

Il-Kunsill qabel ukoll li l-istess kliem ta' din l-ittra għandu jintuża għal kull każin li jitlob spazju sabiex jinawguraw xi forma ta' monument fi Ġnien R. Caruana.

F'dan l-istadju s-Sindku ġibed l-attenzjoni li peress fis-7.00pm għandha tibda l-laqgħa pubblika annwali kien hemm bżonn li wieħed jillimita l-ħin.

**95.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

95.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**95.5.0 Rapporti**

95.5.1 Sara Camilleri – Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

a. Attività Clean Up. Sa. Camilleri qalet li l-Kunsill taż-Żgħażagħ kien sejjer jieħu sehem fit-tindif ta' madwar Ta' Loretu. Il-Kunsill qabel li jagħti s-sapport kollu meħtieġ.

b. Ġnien taż-Żgħażagħ. Sa. Camilleri qalet li dan il-proġett dalwaqt ikun lest. Il-Kunsill qabel li Sa. Camilleri għandha iġġib id-dokumenti meħtieġa (bil-VAT) u l-Kunsill jagħmel il-ħlas relattiv.

95.5.2 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Green Team – Gudja Criterium. Is-Sur Sammut ippreżenta tagħrif dwar din l-attività kif ukoll rotta fejn sejrin jgħaddu r-roti. Is-Sur Sammut qal li dawn it-toroq li minnhom sejrin jgħaddu r-roti għandhom ikunu magħluqa għat-traffiku u li ma jkunx hemm vetturi pparkjati.

Il-Kunsill qabel li din l-attività tkun taħt ir-responsabiltà intiera tal-Green Team u l-Kunsill jagħti sostenn u jagħmel ħlas tal-Pulizija sabiex tkun hemm ordni u sigurtà.

Il-Kunsill qabel ukoll li jesplora l-possibiltà li parti mill-fondi netti jingħataw lill-persuni jew familjari ta' tfal u żgħażagħ fil-Gudja li jkunu sejrin għat-trattament fi sptarijiet speċjalizzati f'Londra.

**95.6.0 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2017**

95.6.1 Peress li dan ir-rapport ingħata lill-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġie meħud bħala moqri.

Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku dan ir-rapport ġie approvat nem con.

Dan ir-rapport ingħata lill-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

**95.7.0 Approvazzjoni tal-baġit u estimi finanzjarji għas-sena 2018.**

95.7.1 Il-Kunsill qabel li jippreżenta dan id-dokument għall-approvazzjoni fil-laqgħa pubblika li sejra ssir fil-jum tal-lum 18 ta' Jannar 2018 fis-7.00pm.

**95.8.0 Approvazzjoni tal-pjan ta' ħidma għas-snin 2018-2020.**

95.8.1 Dan ir-rapport ingħata lill-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku dan ir-rapport ġie approvat nem con.

**95.9.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

95.9.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti nru 52/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier G. Fenech għall-ammont totali ta' €17,887.85. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet ukoll iffirmata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**95.10.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

95.10.1 Performance bonuses

95.10.2 Peress li l-materja fuq l-aġenda ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-6.55pm u aġġorna għat-22 ta' Frar 2018 fis-6.00pm bil-aġenda li tiġi ċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv